# Dun Xand Cortis promotur tal-Parroċċa ta' Santa Venera

*100 Sena minn mewtu 17 ta' Frar 2016*



Dun Xand twieled ġewwa Ħad-Dingli nhar il-11 ta' Jannar 1856. Bħala żagħżugħ ġietu s-sejħa għas-saċerdozju u fit-18 ta' Diċembru 1880 sar djaknu. Ta' 25 sena ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru, 1881.

Għal diversi snin ħadem għall-qadi spiritwali tal-parruċċani ta' Ħal Lija meta ħuh, Dun Mattew Cortis, sar kappillan ta' Ħal Lija. Fis-sena 1901 inħatar Rettur tal-Knisja ta' Santa Venera.

Ftit wara mar joqgħod fir-raħal ta' Santa Venera, fi Triq Santa Venera, illum Triq Braille. Hu ħabrek ħafna biex il-poplu ta' Santa Venera jkollu l-parroċċa tiegħu. Bis-saħħa tiegħu nhar it-30 ta' Lulju 1912, il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera għaddew f'idejn l-Ordni Karmelitan. B'ħidmietu, Santa Venera saret viċi Parroċċa nhar it-12 ta' Marzu 1913.

Dun Xand Cortis miet nhar is-17 ta' Frar 1916. Nhar l-4 ta' Settembru, 1918 Santa Venera saret Parroċċa u minkejja li Dun Xand ma kellux ix-xorti jara frott ħidmietu, xorta jibqa' msemmi bħala l-ikbar Promotur tal-Parroċċa tagħna.

Il-Bijografija ta' Dun Xand Cortis se tkun ippubblikata fil-ħarġa tal-programm tas-sena d-dieħla 2016.

TOYLAND
Importers and distributors of Toys and Household
Open: Mon-Sat 9am - 7pm
96, Constitution Str. Mosta
Wholesale Dept: 21 435325 Dept Store: 21 411152